KUNSILL LOKALI BORMLA IS-SITT KUNSILL

MINUTI SEDUTA NRU. 13

IL-ĦAMIS 29 TA' APRIL, 2010

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 29 ta' April, 2010 fis-6.30 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI ( Seba' Kunsillieri )**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa u **l-Kunsilliera** Raymond Balzan, John Vella, James Cauchi (daħal fis-6.55pm), Pablo Cachia Belli u Roderick Mamo.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph Caruana.

**AGENDA**

1. Minuti (Seduta Nru. 12)
2. Skeda ta' Pagamenti – Marzu 2010
3. Skeda ta' pagamenti ghall-approvazzjoni
4. Quarterly Report – Jannar – Marzu 2010
5. Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv
6. Impjieg ta' Skrivan/a Full Time fuq Skala 15
7. Grawnds Peppi Delceppo
8. Festival tas-Swar
9. Korrispondenza
10. Ħwejjeġ Oħra

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**13/01 <u>MINUTI TAS-SEDUTI NRU. 12</u>**

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

***Korrezzjoni***
Il-Kunsillier John Vella rrimarka li f'paragrafu 12/05/02, il-kelma 'Assoċjazzjoni' għandha tinbidel mal-kelma 'Awtorita'. Kien hemm qbil unaninmu dwar dan.

Wara konsiderazzjoni tagħhom, fuq mozzjoni tas-**<u>Sindku Joseph Scerri</u>**, issekondat mill-**Kunsillier Raymond Balzan**, il-Kunsill approva l-minuti

bħala dokument korrett u s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmawhom.

**13/02** **SKEDA TA' PAGAMENTI – MARZU 2010**

13/02/01 ***Pagamenti Magħmula***
Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti magħmula f'dan l-aħħar xahar, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija (kopja annessa). Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti.

13/02/02 ***Pagamenti li jridu jsiru***
Is-Sindku ressaq ukoll il-lista ta' kontijiet li għad iridu jsiru għall-kummenti tal-Kunsilliera u wara ppropona l-approvazzjoni ta' dawn il-pagamenti (kopja annessa). Il-Kunsill approva unanimament biex jitħallsu dawn il-kontijiet.

**13/03/01** **QUARTERLY FINANCIAL REPORT – JANNAR – MARZU 2010**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill, Rapport Finanzjarju għall-ewwel tliet xhur tas-sena (Jannar – Marzu 2010). Wara kunsiderazzjoni, l-Kunsilliera preżenti qablu li għandha tonqos in-nefqa tal-Kunsill għax il-fondi huma limitati ħafna.
Il-Kunsill unanimament approva r-rapport finanzjarju.

**13/03/02** **RAPPORT AMMINISTRATTIV – April 2009 – Diċembru 2009**

Il-Kunsilliera ġew preżentati b'Rapport Amministrattiv għad-disa' xhur li għalqu fil-31 ta' Diċembru, 2009.
Wara kunsiderazzjoni, l-Kunsill approva unanimament.

**13/04** **ĦATRA TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

Is-Sindku qal li riċentament, id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, s-Sur Natalino Attard, kien kellmu u qallu biex iressaq fil-Kunsill mozzjoni għal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv.
Fuq mozzjoni tas-**Sur Joseph Scerri, Sindku**, issekondata mill-**Kunsillier John Vella**, in kunsiderazzjoni tal-fatt li s-Sur Joseph Caruana ilu mis-17 ta' Jannar, 2010, bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv u wara li kien hemm kollaborazzjoni sħiħa bejn is-Sur Caruana u l-Kunsill, ġie propost li s-Sur Joseph Caruana jiġi maħtur bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.
Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**13/05** **IMPJIEG TA' SKRIVAN/A FULL TIME FUQ SKALA 15**

Is-Sindku qal li peress li jista' jkun li jiġi nterpretat li għandu xi nteress f'dan is-suġġett huwa ser jirtira mil-laqgħa. Il-Viċi Sindku, is-Sinjorina

Alison Zerafa ħadet is-sedia. Fuq il-mejda tpoġġa r-rapport kif preżentat mill-Bord ta' l-Għażla fejn wara li ġie moqri, il-Kunsill approva unanimament li jieħu l-parir tal-Bord ta' l-Għażla.
Għaldaqstant fuq mozzjoni tal-**Viċi Sindku Alison Zerafa**, issekondata mill-**Kunsillier Roderick Mamo**, l-impjieg ta' skrivan/a full-time mal-Kunsill ġie offrut lis-Sinjura Ramona Falzon Gatt bħala l-iktar kandidata li ġabet marki.

**13/06** **GRAWNDS PEPPI DELCEPPO**

Is-Sindku s-Sur Joseph Scerri, ħa s-Sedia u wara ta rendikont tat-taħdidiet u l-laqgħat mas-Sur Pio Vassallo, Direttur ta' Vassallo Builders Group Ltd fir-rigward tal-kiri tal-Bar tal-Grawnds Peppi Delceppo.

✧ **Il-Kunsillier James Cauchi daħal fis-6.55pm**

Il-Kumitat tal-Grawnds Peppi Delceppo għażel li t-tender tal-kiri tal-bar tiġi aġġudikata a favur tas-Sur Demise Darmanin bil-kundizzjonijiet li huwa talab.

Il-Kunsill unanimament approva d-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tat-Tmexxija tal-Grawnds.

**13/07** **FESTiVAL TAS-SWAR**

Il-Kunsillier John Vella ħabbar li l-festival tas-swar se jsir fit-3 ta' Ottubru, 2010, u ta dettalji fuq din l-attivita'.
Is-Sindku talab li jsir appuntament ma' Dr. Mario Demarco, Segretarju Parlamentari responsabbli mit-Turiżmu sabiex isir tindif tas-swar ta' Bormla speċjalment iż-żona fejn ser isir il-festival.
Il-Kunsill diġa għandu approvazzjoni għal dan il-festival u ingħata għajnuna ta' Euro 5,000 filwaqt li din il-ġimgħa, saret applikazzjoni oħra għal għajnuna ta' Euro 5,000.
Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli offra li jagħmel il-poster għal din l-okkażjoni.

**13/08** **KORRISPONDENZA**

13/08/01 ***Barrikati fi Triq Matty Grima (05/1007/10/IN)***
Fuq talba tas-Sinjuri Joe Ellul u Miguel Spiteri, il-Kunsill approva unanimament li jsiru 4 barikati quddiem il-bibien tagħhom biex ma jibqgħux jiġu mblukkati bil-parkeġġ tal-karozzi.

13/08/02 ***Iċ-Ċentru tas-Saħħa (05/0879/10/IN)***
Is-Senior General Practitioner, Dr. Marcel Martinelli talab lill-Kunsilli Lokali ta' Bormla, Isla, Birgu u Kalkara biex jagħmlu għotja ta' elfejn euro kull Kunsill biex issir xi manutenzjoni tal-bini taċ-Ċentru tas-Saħħa.
Il-Kunsill approva li s-Sindku jkellem lill-Kunsilli Lokali l-oħra biex jieħu l-opinjoni tagħhom.

13/08/03 ***Group Health Policy (05/0907/10/IN)***

Il-Kunsill unanimament approva li jħallas il-premium ta' l-assikurazzjoni tal-ħaddiema u l-Kunsilliera kollha bħal ma sar is-sena l-oħra skont l-arrangamenti magħmula mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

13/08/04 ***Parking għall-Blue Badge Holders fi Triq il-Mitħna (05/0960/10/IN)***

Il-Kunsill approva unanimament li jsir parking riservat għal min għandu Blue Badge fi Triq il-Mitħna. Għaldaqstant, il-Kunsill għandu lill-Perit Lara Demicoli, Manager tad-Direttorat tat-Toroq u Infrastruttura fejn ninfurmawha li ma nsibu l-ebda oġġezzjoni sakemm dan il-parking isir fejn il-ħanut tal-ħelu.

13/08/05 ***Double Yellow Lines fi Triq Rikkardu Taylor (05/0956/10/IN)***

Il-Kunsill approva unanimament li jsiru double yellow lines fil-kantuniera ta' bejn Triq Alessandra u Triq Rikkardu Taylor u jibqa' jiġi estiż sa' fejn il-garaxxijiet. Din id-deċiżjoni hija suġġetta għall-approvazzjoni ta' l-ADT.

13/08/06 ***Xwieni ta' Troy bħala Attrazzjoni (05/0978/10/IN)***

Fuq inizjattiva tas-Sotto Kumitat Kultura, is-Sur Anthony Cassar, Chairman ta' Cassar Ship Repairs Ltd. offra l-Kunsill li jitrasferixxi zewġ xwieni ta' Troy fil-Baċir Nru. 1 biex iservi ta' attrazzjoni għat-turisti li jżuru l-lokalita'. Ix-xwieni jiġu trasferiti għall-baċir nru. 1 a spejjeż ta' Cassar Ship Repair Ltd u jkollhom id-dritt li jeħduhom lura f'każ ta' neċessita. Il-kumpanija qed titlob li titwaħħal plakka li tispeċifika li ġew manifatturati minn Cassar Ship Repair Ltd li huma s-sidien tax-xwieni. Talbu wkoll li l-Kunsill jidħol responsabbli għall-ħarsien ta' dawn ix-xwieni nkluż il-manutenzjoni għall-perjodu li jkunu esposti fil-baċir numru 1. Il-Kunsill approva unanimament il-proposta tas-Sur Cassar u sar qbil li jiġu assikurati x-xwieni. Dan jista' jseħħ biss jekk il-GHRC jgħatu permess li jseħħ it-trasferiment tax-xwieni għall-baċir nru. 1.

13/08/07 ***Siġar fil-lokal (05/1002/10/IN)***

Il-Kunsill Lokali kien talab xi 50 siġra biex jitħawlu fil-lokal. Madanukoll, il-Gvern Ċentrali aċċetta it-talba tagħna u lest li joħroġ żewġ terzi ta' l-ispiża ta' dawn is-siġar filwaqt li l-Kunsill iħallas il-bilanċ. In vista tal-problemi finanzjarji li għandu l-Kunsill, ġie approvat li nkellmu l-project manager tal-GHRC u naraw jekk jistax jinkludi l-ispiża ma' l-embellishment tal-Baċir Nru. 1.

## 13/09 ĦWEJJEĠ OĦRA

13/09/01 Is-Sindku spjega fid-dettal lill-Kunsilliera preżenti li ta' spiss qed isiru laqgħat mas-Sur Hector Chetcuti, Project Manager tal-Grand Harbour Regeneration Corporation dwar l-iżvilupp tal-Baċir Nru. 1, Kwartieri San Nikola, Verdala, Dar Andrew u Sur San Ġwann.

✧ **Fid-9.00pm, il-Kunsillier John Vella ħareġ mis-Seduta.**

13/09/02 Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li ġie kkuntattjat mis-Sur Albert Marshall fejn qallu li jixtieq jiproduċi f'Bormla kummiedja li hu kien kiteb ħafna żmien ilu. Bi qbil mas-Sur Marshall, ġie deċiż li jsir dħul ta' Euro 5 kull persuna u l-fondi jservu għall-ispiża tal-kiri tas-siġġijiet, it-tindif u spejjeż oħra. Il-Kunsill approva li ssir din l-attivita' u li ssir fuq il-ġibjun ta' Sta. Liena fit-13 u l-14 t'Awissu, 2010.

13/09/03 Il-Kunsill approva unanimament li d-dwal ta' Ġnien Sta Margerita jinbidlu ma' dwal up-lighters. Dan ix-xogħol se jsir minn fondi tal-Ministeru tat-Turiżmu.

13/09/04 Il-Kunsill ġie nfurmat li nhar it-Tnejn 3 ta' Mejju, 2010, se żżurna delegazzjoni minn Xunta de Galizia, Spanja, biex flimkien neżaminaw il-possibilita' li jkun hemm xi bdil ta' żgħażagħ bejn iż-żewġ lokalitajiet. Il-Kunsill approva unanimament u ħareġ bil-proposta li jekk huwa possibli jsir ġemellaġġ bħal ma għamlu kważi l-Kunsilli Lokali kollha ta' Malta.

13/09/05 Il-Kunsill approva unanimament li jerggħu jitwaħlu t-tabelli li juru d-direzzjonijiet tal-lokal. Dawn it-tabelli ġew maqlugħa minn xi vandali.

13/09/06 Il-Kunsill approva dawn ix-xogħlijiet:

(a) Li ssir tabella biex il-parking isir bis-silencer 'il barra u dwar rimi ta' skart fi Triq John Pace
(b) Biex isir railing żgħir mal-ħajt fi Block 10, San Ġwann t'Għuxa
(c) Biex isir U Channel quddiem 28, Triq San Rokku
(d) Biex nitolbu l-Gvern Ċentrali sabiex isir fencing madwar l-iskola tal-bniet.

Fid-9.15pm, il-laqgħa ġiet dikjarata magħluqa u aġġornata għas-27 ta' Mejju, 2010.

_______________ _______________

Joseph Scerri — Sindku

Joseph Caruana — A/Segretarju Eżekuttiv